KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 38 – IT-TLIETA 18 TA' LULJU 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar fis-06.30 ta' filgħaxija.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **David Thake** | **Viċi Sindku ( 18.54 )** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier ( 18.40 )** |
| | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier ( 18.52 - 20.10 )** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier ( 18.56 )** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier ( 19.17 )** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier ( 20.16 )** |
| | **Sandra Grech** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **Matthew Barbara** | **Kunsillier** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

**NUQQAS TA' *QUORUM***

**Fil-ħin li ġiet imsejjħa l-laqgħa kien hemm nuqqas ta'*Quorum*. Kienu preżenti 6 Kunsilliera : Is-Sindku Graziella Galea, il-Kunsillier Paul Bugeja, Il-Kunsillier Antoinette Bezzina, il-Kunsillier Anne Fenech, Il-Kunsillier Alfred Grima w il-**

**Kunsillier Raymond Tabone. Fis-18.40 wasal il-Kunsillier Stephen Cremona u l-laqgħa setgħet tibda wara li ntlaħaq il-*quorum* meħtieġ.**

1. **QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJA**

   **Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġiji mingħand : Il-Kunsillier Matthew Barbara li ma setax jattendi għal laqgħa minħabba l-impenji ta' xogħol.**

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**2.1 Is-Sindku spjegat li ser jiġu 'kkunsidrati l-Minuti tal-35 Laqgħa. Il-Minuti tas-36 Laqgħa ma kinux għadhom tlestew. Għaldaqsant il-Minuti tas-36 u tas-37 Laqgħa kienu ser jitħallew għal Laqgħa oħra. Il-Kunsillier Alfred Grima talab li jkun hemm verifikazzjoni dwar kif qed jingħataw in-numri tal-Laqgħat. Il-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.**

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**3.1 Is-Sindku qrat Ċirkolari 9/2017 li waslet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar pjan fuq tlett snin ta' attivitajiet fil-lokalita'. Is-Sindku proponiet li jiġu 'nklużi l-attivitajiet tal-Festival ta' Wignacourt, il-Karnival tas-Sajf u l-attivita' tal-Milied. Il-Kunsillier Alfred Grima semma proposta ta' attivita' marittima li tkun relatata direttament ma' San Pawl il-Baħar. Kien hemm qbil li napplikaw fuq dawn l-attivitajiet.**

**Il-Kunsillier Mandy Buhagiar attendiet il-laqgħa f'dan l-istadju ( 18.52 ). Il-Viċi Sindku David Thake attenda l-laqgħa f'dan l-istadju ( 18.54 ).**

**3.2 Is-Sindku qrat korrispondenza li waslet mingħand WasteServ Malta fir-rigward tal-European Week For Waste Reduction. Din għandha tiġi mgħoddija lil Kunsilliera kollha sabiex ikunu jistgħu jintbagħtu xi proposti.**

**3.3 Is-Sindku qrat korrispondenza li walset mingħand resident fejn il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar intalab li jkun hemm servizz ta' Free Wi-fi fi Ġnien Anton Buttiġieg fi Triq Parades, San Pawl il-Baħ ar. Għ andha tinġ ieb kwotazzjoni mill-MCA li normalment joffru dan is-servizz. Kien hemm qbil li jigi offrut dan is-servizz. Il-Kunsill għandu jara jekk hux possibli li dan is-servizz jinghata b'xejn.**

**Il-Kunsillier Robert Piscopo attenda l-laqgħa f'dan l-istadju ( 18.56 ).**

3.4 Is-Sindku qrat korrispondenza għal talba tas-servizz tal-Gwardjani Lokali għal waqt il-ġranet tal-Festa ta' San Pawl il-Baħar, servizz li anke' ingħata fis-snin preċedenti. Il-Kunsillier Raymond Tabone u l-Viċi Sindku qalu li t-traffiku ma għandux jitħalla jidħol lejn San Pawl il-Baħar. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li s-servizz tal-Pulizija ta' Malta huwa bla ħlas u għaldaqstant għandna nitolbu li jkun estiż li jkun hemm aktar Pulizija ta' Malta preżenti. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li għalkemm jaqbel mal-kunċett ta' talbiet għall-għajnuna, jekk mhux ser jibda jkun hemm pjan bil-quddiem, minn naħa tiegħu ser jibda jivvota kontra. Ġie deċiż li tinżamm laqgħa mal-Pulizija ta' Malta u f'kas li ma jkunx jista jiġi estiż is-servizz tal-Pulizija ta' Malta, għandu jintuża' s-servizz tal-Gwardjani Lokali bi ħlas mill-Kunsill Lokali.

3.5 Is-Sindku qrat korrispondenza dwar oġġezzjoni fuq PA 4868/17. Ġiet diskussa din l-applikazzjoni fejn ġie deciz li jkun hemm oġġezzjoni. Ġie deċiż ukoll li l-Perit tal-Kunsill għandu jibda jintbagħat il-lista tal-applikazzjonijiet f'San Pawl il-Baħar u jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar applikazzjonijiet ta' ċertu importanza.

3.6 Inqrat korrispondenza dwar talba sabiex ikomplu jinżammu lezzjonijiet tal-Yoga ukoll fl-istaġun tas-Sajf. Dawn isiru bi ħlas minn dawk li jattendu iżda jsiru bi prezz sussidjat u l-Kunsill joffri s-sala għal dan l-użu. Żiedet tgħid li Kunsilli Lokali oħra jtellaw korsijiet ta' natura differenti wkoll. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li dawn kienu jsiru u jaqbel ma din it-talba għaliex li kieku kellu jorganizzahom il-Kunsill Lokali, dawn żgur ikunu bi prezz għola. Il-Kunsillier Mandy Buhagiar qalet li jekk dawn isiru, għandu jitniżżel li dawn qed ikunu 'ssussidjati mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-*flyer* li jinħareġ ikun hemm *logo* tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Il-Kunsillier Paul Bugeja ma jaqbilx li dawn il-korsijiet fl-Uffiċċju Amministrattiv għandhom jibqaw isiru bi qliegħ għall-oħrajn. Il-Viċi Sindku qal li f'dan il-kas mela, ser jiġi magħluq il-bieb għal kulħadd meta dan huwa inċentiv għar-residenti. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li dan il-kors issa qed jintalab fl-istaġun tas-Sajf, wieħed għandu jikkunsidra l-konsum tal-elettriku li ser jintuża'. Il-Kunsillier Alfred Grima qabel ma dan u qal li hu joġġezzjona għal dan il-kors. Kien hemm qbil bejn il-bqija tal-Kunsilliera li jekk hu legali li dawn il-korsijiet isiru, dan ghandu jkompli jsir.

3.7 Inqrat kwotazzjoni li waslet mingħand is-Sinj. John Camilleri, rappreżentant ta' Eagle Security Limited fir-rigward tal-ħsara li hemm fuq l-*Visual Screens*. Din tammonta għal €516 ( li tinkludi wkoll l-installazzjoni ) għal kull waħda. Il-Kunsill qabel li għandha 'ssir il-manutenzjoni rikjesta sabiex dawn jibdew jiffunzjonaw.

3.8 Is-Sindku semmiet li għandu jkun hemm Sejħa għall-Offerti mill-ġdid fir-rigward tal-bankini, skond struzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern

Lokali. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu jkun mitlub li jibgħat korrispondenza f'dan ir-rigward.

3.9 Is-Sindku qalet li waslet korrispondenza mingħand Jobsplus fir-rigward tas-sejħa għall-ingaġġ ta' Skrivani. Il-proċess qed jitmexxa.

3.10 Inqrat korrispondenza li waslet mingħand is-Sinj. Ray Bartolo f'isem EuropeanFunds.info fir-rigward ta' proposta għall-ġemellaġġ. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu japplika għal dawn il-fondi filwaqt li nidħlu fid-dettall dwar kif issir l-applikazzjoni.

3.11 Il-Kunsillier Alfred Grima preżenta korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali indirizzata lis-Segretarju Ezekuttiv datata Marzu 2017 fir-rigward tas-servizz li qiegħed jintuża' mill-Kunsill fir-rigward tal-lattrini pubbliċi li ma ġietx imressqa quddiem il-Kunsill. Is-Sindku rrimarkat li qegħdin *out of order*. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill kien ga ddiskuta din il-materja dwar *direct order* u fiċ-ċirkostanzi ma kien hemm ebda għażla oħra biex dan is-servizz jigi offrut filwaqt li wegħdet li 'ssir l-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti mill-aktar fis.

## 4. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI / XIRI TA' OĠĠETTI

4.1 Il-Kunsiller Alfred Grima talab li jkun hemm kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk vot fuq l-iskeda tal-pagamenti huwiex fuq pagament wieħed jew huwiex fuq il-pagamenti kollha.

4.2 Pagament 468 ( Joe Bonnici & Sons ) – Il-Kunsillier Alfred Grima qal li mhuwiex ser jaċċettali jkun hemm talba fi żmien tant qasir. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li għandu jkun hemm regola 'nġenerali u f'kas ta' talbiet, il-Kunsill jimxi dejjem l-istess.

4.3 Pagament 484 ( WasteServ Malta ) – Il-Kunsillier Alfred Grima talab kjarifikazzjoni dwar x'qed jiġri, sitwazzjoni li anke' l-Kunsillier Stephen Cremona talab spjegazzjoni sabiex ikun speċifikat jekk il-Kunsill huwiex qed jagħmel tajjeb għal ħaddiehor.

4.4 Pagament 420 ( Sinj. Paul Bugeja ) – Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li dan il-pagament għandu jkun emendat għaliex kien hemm darba fejn ġie 'mniżżel bħala assenti b'apoloġija aċċettata, meta kien imsiefer u ma kellu ebda servizz ta' *internet* sabiex jibgħat imejl.

4.5 Pagament 420 ( Sinj. Mandy Buhagiar ) – Il-Kunsillier Mandy Buhagiar qalet li l-aħħar Laqgħa kienet assenti u din għandha titniżżel bħala assenti b'apoloġija aċċettata peress li jidher li kellha problema fl-*internet* ( *mail box full* ).

4.6 **Pagament 457 ( Dad's Service Station ) – Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li qed joġġezzjona peress li ma 'ngħatax tabella bi *breakdown* totali ta' vettura vettura, iżda tniżżlu l-pagamenti wieħed wieħed.**

4.7 **Pagament 436 ( Sinj. Matthew John Barbara ) – Il-Kunsillier Alfred Grima qal li meta l-Kunsillier Matthew John Barbara ċempel l-Uffiċċju Amministrattiv sabiex jagħmel kjarifika dwar tali pagament, l-Iskrivana li kellmitu qaltlu, sħabek oġġezzjonaw għall-apoloġiji 'mressqa minnek. Għaldaqstant talab spjegazzjoni għal kliem bħal dan.**

**Il-Kunsillier Mandy Buhagiar ħalliet il-kamra fit-20.10.**

**Għaldaqstant ittieħed vot fuq l-iskeda tal-pagamenti sħiħa kif preżentata.**

**Favur : Is-Sindku Graziella Galea, il-Viċi Sindku David Thake, il-Kunsillier Antoinette Bezzina, il-Kunsillier Anne Fenech, il-Kunsillier Daniel Grima u l-Kunsillier Robert Piscopo.**

**Kontra : Il-Kunsillier Paul Bugeja għaliex ma 'ngħatax ammont globali ta' *fuel* użat, vettura vettura.**

**Astenzjoni : Il-Kunsillier Alfred Grima, il-Kunsillier Stephen Cremona u l-Kunsillier Raymond Tabone.**

**Il-Kunsillier Joseph Vella attenda l-laqgħa f'dan l-istadju ( 20.16 ).**

**F'dan l-istadju, is-Sindku Graziella Galea talbet li jkun hemm tibdiel fl-Aġenda.**

**5. PA 1514/16 – PROPOSED FUEL SERVICE STATIOON, INCLUDING STORAGE AT BASEMENT LEVEL, CLASS 4B SHOP, TYRE SERVICE GARAGE, ATM AND CAR WASH FACILITIES AT GROUND LEVEL AT TRIQ BURMARRAD, BURMARRAD, SAN PAWL IL-BAĦAR**

5.1 **Is-Sindku preżentat l-applikazzjoni u tat l-informazzjoni li ngħatatilha waqt preżentazzjoni li saret l-Awtorita' tal-Ippjanar fosthom li l-pompa ħa tkun inqas minn 500 metru 'l bogħod mill-eqreb pompa, li ġa kien hemm erba' pompi oħra fiż-żona, li s-sit hu ODZ u li hi art agrikola li tħaffret sabiex isir studju arkaeoloġiku relatat ma' din l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-poplu ser jiggwadanja minn dan il-proġett. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li huwa ta' importanza li proġett bħal dan ikun l'barra mir-raħal ta' San Pawl il-Baħar kif propju hu. Il-**

Kunsillier Raymond Tabone u l-Kunsillier Stephen Cremona qablu ma dan il-proġett u qal li huwa utli għaliex ser jitnaqqas it-traffiku mir-raħal ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li din hija art ODZ u l-art agrikola kollha bil-mod qed tiġi żviluppata meta din hija art verġni. Is-Sindku talbet sospenzjoni tal-laqgħa sabiex rappreżentant ( Is-Sinj. Joe Doublet ) li għamel ir-rapport tal-EIA seta' jagħti aktar informazzjoni. Il-Kunsillier Raymond Tabone, issekonda. Propju kif kompliet il-laqgħa s-Sindku qalet li bħala oġġezzjonijiet hemm ta' Nature Trust Malta, Front Ħarsien ODZ, Din l-Art Ħelwa u s-Sinj. Diana Cottis.

Is-Sindku spjegat li l-Kunsill hu parti mill-bord ghal din l-applikazzjoni. Għaldaqstant ittieħed vot fuq din l-applikazzjoni il-proposta hekk kif imressqa lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Favur : Il-Kunsillier Alfred Grima, il-Kunsillier Joseph Vella, il-Kunsillier Raymond Tabone, il-Kunsillier Stephen Cremona u l-Kunsillier Paul Bugeja.

Kontra : Is-Sindku Graziella Galea, il-Viċi Sindku David Thake, il-Kunsillier Robert Piscopo, il-Kunsillier Anne Fenech, il-Kunsillier Daniel Grima u l-Kunsillier Antoinette Bezzina.

Ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jivvota kontra din l-applikazzjoni.

Is-Sindku staqsiet dwar min huwa lest li jkun preżenti l-Awtorita' tal-Ippjanar peress li hemm vot għall-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar kemm għal din l-applikazzjoni kif ukoll għall-applikazzjoni li ħa tiġi diskussa. Ħadd ma wera x-xewqa li jagħmel dan.

6. ĦATRA TA' BORD GĦALL-INGAĠĠ TA' SKRIVANI

6.1 Is-Sindku staqsiet min hu ineteressat li jkun fuq dan il-bord. Is-Sindku Graziella Galea u l-Kunsillier Anne Fenech wrew interess. Is-Sindku rrimarkat li l-Bord għandu jkun magħmul minn persuna oħra wkoll. Wara diskussjoni, ġie deċiż li l-bord ikun kompost mis-Sindku, il-Viċi Sindku David Thake jew il-Kunsillier Joseph Vella ( skond l-impenji tax-xogħol ) u l-Kunsillier Anne Fenech.

7. PA 3345/16 – EXCAVATION OF UNDERGROUND TUNNEL, DEMOLITION OF EXISTING KIOSK AND CONSTRUCTION OF BEACH LIDO LINKING TO SAN ANTONIO HOTEL & SPA, TRIQ IT-TURISTI / TRIQ ID-DOLMEN, SAN PAWL IL-BAĦAR

7.1 Is-Sindku preżentat l-applikazzjoni u tat l-informazzjoni li ngħatatilha waqt preżentazzjoni li saret l-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill kien ġa 'ddiskuta din l-applikazzjoni f'seduta oħra. Kien hemm diskussjoni qasira dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Stephen Cremona qal li

**huwa favur dak li qed jiġi propost għaliex dak li kien talab ġie inkluż. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill huwiex ser iżomm l-istess pożizzjoni jew le ta' meta oġġezzjona.**

**Għaldaqstant ittieħed vot fuq din l-applikazzjoni hekk kif imressqa lill-Awtorita' tal-Ippjanar.**

**Favur : Il-Kunsillier Stephen Cremona.**

**Kontra : Is-Sindku Graziella Galea, il-Viċi Sindku David Thake, il-Kunsillier Anne Fenech, il-Kunsillier Daniel Grima,il-Kunsillier Antoinette Bezzina, il-Kunsillier Joseph Vella, il-Kunsillier Alfred Grima u l-Kunsillier Robert Piscopo.**

**Astensjoni : Il-Kunsillier Paul Bugeja u l-Kunsillier Raymond Tabone.**

**Għaldaqstant il-Kunsill għandu jivvota kontra din l-applikazzjoni.**

**8. PC0038/17 –PROPOSED CHANGE TO BUILDING LINE ALIGNMENTS AT TRIQ SAN PAWL, SAN PAWL IL-BAĦAR**

**8.1 Is-Sindku preżentat l-applikazzjoni. Kien hemm diskussjoni qasira. Ittieħed vot fuq din l-applikazzjoni hekk kif imressqa mill-Awtorita' tal-Ippjanar.**

**Il-Kunsillier Paul Bugeja 'ppropona li jittieħed vot li jibqa' kollox kif inhu. Issekondaw il-Kunsillier Raymond Tabone u l-Kunsillier Stephen Cremona.**

**Favur il-proposta tal-Kunsillier Paul Bugeja : Il-Kunsillier Paul Bugeja, Il-Kunsillier Raymond Tabone, il-Kunsillier Stephen Cremona, il-Kunsillier Alfred Grima, il-Kunsillier Anne Fenech, il-Kunsillier Daniel Grima, il-Kunsillier Antoinette Bezzina u l-Kunsillier Joseph Vella.**

**Kontra l-proposta tal-Kunsillier Paul Bugeja : Is-Sindku Graziella Galea, il-Viċi Sindku David Thake u l-Kunsillier Robert Piscopo.**

**Għaldaqsatant il-Kunsill għandu joġġezzjona għal din l-applikazzjoni.**

**9. PROPOSTI GĦAD-DISKUSSJONI MILL-KUNSILLIER PAUL BUGEJA – RAMPI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITA', LATRINI PUBBLIĊI, ŻONA PEDONALI F'BUĠIBBA, PROGRAMM INKLUŻID-DEKORAZZJONIJIET TAL-MILIED, BANKINA QUDDIEM IL-KAŻIN BANDA SAN PAWL**

**9.1 Il-Kunsillier Paul Bugeja semma li kien preżenta xi ħames jew sitt rampi sabiex isiru għall-persuni b'abilitajiet differenti u kif ukoll għal min juża'**

*pushchair* u enfasizza li dawn għandhom isiru b'mod immedjat minn persuni bis-sengħa, fejn kien hemm somma propju allokata għal hekk. Dan ix-xogħol għandu jingħata permezz ta' *direct order* għal rampa rampa. Fir-rigward tal-latrini pubbliċi qal li hemm bżonn ta' azzjoni b'mod immedjat li 'ssir l-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti. Issemma wkoll li fiż-żona pedonali hemm tabella waħda biss li tindika dan. Il-Viċi Sindku David Thake 'ssuġġerixxa li 'ssir talba lil Local Enforcement System Agency sabiex ikunu 'nstallati l-kameras. Il-Kunsillier Paul Bugeja 'ssuġġerixxa li tkun installata katina u tinfetaħ u tingħalaq minn persuni 'nkarigati. Il-Kunsill qabel ma dan il-kunċett . Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li d-dekorazzjonijiet tal-Milied kien hemm ftehim li dawk jibdew jiġu diskussi fix-xhur ta' Ġunju / Lulju. Is-Sindku 'ssuġġeriet li jinħatar sotto kumitat f'dan ir-rigward u staqsiet min hu interessat li jkun parti mis-sotto kumitat. Dawk interessati huma l-Viċi Sindku David Thake, il-Kunsillier Stephen Cremona u l-Kunsillier Anne Fenech. Kien hemm qbil dwar dan. Fir-rigward tal-bankina quddiem il-Każin tal-Banda San Pawl, il-Kunsillier Anne Fenech qalet li diġa' kien ftehim li l-bankina terġa' issir kif kienet fil-passat. Il-Viċi Sindku David Thake staqsa jekk din hijiex ser tiswa aktar minn *direct order*.

**10. PROPOSTI GĦAD-DISKUSSJONI MILL-KUNSILLIER ROBERT PISCOPO – ID-DEKASTERI LI KIENU ASSENJATI JEW LE FIL-BIDU TA' DIN IL-LEĠISLATURA TAL-KUNSILL, TINDIF FIL-LOKALITA', KWISTJONIJIET TAL-MARKI TAL-PARKEĠĠI RISERVATI U PARKEĠĠI RISERVATI GĦALL-PERSUNI B'ABILITAJIET DIFFERENTI, KRIMINALITA' FIL-LOKALITA'**

**10.1** Il-Kunsillier Robert Piscopo staqsa jekk humiex qed jinħarġu *default notices* fir-rigward tal-knis. Ir-risposta kienet fin-negattiv. Għaldaqstant kien hemm qbiel li jibdew *jinħarġu default notices* fejn ikun hemm il-htiega. Il-Kunsillier Robert Piscopo issuġġerixxa li 'ssir *bye-law* fir-rigward tal-iskart kummerċjali tal-ħwienet.

**11. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

**11.1** Fid-09:30 ta' filgħaxija Il-Kunsill qabel li tintemm il-laqgħa. Il-Laqgħa li jmiss għandha tinżamm nhar it-Tlieta 22 ta' Awissu 2017 fis-06.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Graziella Galea** | **George Abdilla** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |